MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Numru 103/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Muscat**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Muscat talli fit-18 ta' Frar 2005 ghall-habta tas-2.00 pm, f'Ghawdex, (**1**) insolenta, hedded u/jew fzikament aggredixxa lil PS 1424 Mario Xiberras, WPS 160 Josephine Camilleri u PC 639 Joe Bugeja, ufficjali tal-Korp tal-Pulizija u ghalhekk persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u dan bil-hsieb li jbezzaghhom u jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; (**2**) ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 639 Joe Bugeja, ufficjal pubbliku, waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu,

(**3**) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 1424 Mario Xiberras, WPS 160 Josephine Camilleri u PC 639 Joe Bugeja, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti, (**4**) dejjem fl-istess data, lok u hin, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, (**5**) ma obdiex ordinijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija, (**6**) dagha u qal kliem oxxen fil-pubbliku, (**7**) ikkommetta reat waqt il-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu fil-5 ta’ Mejju 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kif ukoll (**8**) talli sar recidiv; l-ewwel qorti kienet mitluba li tapplika wkoll l-Artikoli 383 u 384 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-7 ta’ Marzu 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Paul Muscat hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundannatu ghall-piena ta’ disgha (9) xhur prugunerija, ordnat li s-sentenza ta’ prigunerija sospiza (li kienet ta’ tlett xhur prigunerija) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-5 ta’ Mejju 2004 tigi reza operattiva, u rabtet lill-istess Muscat taht penali ta’ mitt lira sabiex ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jhedditx lil PS 1424, lil WPS 160 u lil PC 639 ghal periodu ta’ sena mid-data ta’ dik is-sentenza, u dan skond l-Artikoli 383(1) u 386 tal-Kap. 9;

Rat ir-rkors ta’ appell ta’ l-imsemmi Paul Muscat, minnu ppresentat fl-20 ta’ Marzu 2006, li permezz tieghu huwa talab hekk:

**“…l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, wara li tippermettilu jipprova minn xhiex ghadda minnu fl-ahhar snin u l-kundizzjoni mentali tieghu, tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija billi tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu…”**;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri fl-udjenza tal-lum; rat il-verbal, registrat ukoll fl-ujenza tal-lum, fis-

sens li l-appellant kien qed jilmenta biss mill-piena fuqu inflitta u mhux ukoll dwar is-sejbien ta’ htija; ikkunsidrat:

Din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid dwar dana l-appell hlief li dan jirrazenta l-fieragh. L-appellant, bhala imputat, kellu l-opportunita` kollha li jressaq il-provi tieghu, in mitigazzjoni ta’ dak li jirrizulta li ghamel, quddiem l-ewwel qorti. Dawn il-provi seta’ ressaqhom anke interament bla pregudizzju ghall-kwistjoni tal-htija (li llum hu mhux qed jikkontesta). Quddiem l-ewwel qorti, pero`, huwa ma ressaq anqas xhud wiehed – la dwar il-htija u lanqas bla pregudzzju in mitigazzjoni. Din il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet fl-udjenza tal-lum, ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti, hlief ghall-obbligazzjoni skond l-Artikolu 383 *et seq*. tal-Kodici Kriminali, obbligazzjoni li din il-Qorti taraha fic-cirkostanzi superfluwa.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata biss fis-sens li thassarha u tirrevokaha in kwantu rabtet lill-appellant skond l-Artikolu 383 *et seq.* tal-Kodici Kriminali taht penali ta’ mitt lira u ghall-periodu ta’ sena, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------